**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 4 ta’ Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 141/2022 GM**

**Staff Services (Malta) Limited (C 78278)**

**vs**

**Cavendish Hotel Ltd (C 8372)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' Staff Services (Malta) Limited (C78278), li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Ai termini tal-Artikolu numru 8 tal-Mernorandum of Association (anness u mmarkat bħala Dok. 1) l-esponent huwa vestit id-dritt li jirrappreżenta lill-istess soċjeta' ġialadarba huwa direttur, u għalhekk rappreżentant legali u ġudizzjarja tal-istess;

2. Abbażi ta' ftehim bit-titlu 'Staff Secondment Agreement' , datat 13 ta' Mejju 2019 (anness u mmarkat bħala Dok. 2), il-partijiet daħlu f’arranġament bejniethom sabiex is-soċjeta` attriċi tibda' tissekonda ħaddiema ingaġġati magħha sabiex jipprovdu servizz lis-soċjeta` intimata, u dan għal ħlas determinat fl-istess ftehim;

3. Il-soċjeta' attriċi onorat l-obbligazzjonijiet tagħha skont il-ftehim sopraċitat u dan billi pprovdiet il-ħaddiema ingaġġati magħha sabiex jipprovdu s-servizz rikjest mis-soċjeta' intimata lilha, iżda ma jistax jingħad l-istess għas-soċjeta' intimata, stante li hija tinsab inadempjenti fil-ħlas dovut lis-soċjeta' attriċi u dan fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u hames mija u disgħa u disgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€54,599.26) kif jirriżulta mill-istatement datat 6 ta' Ottubru 2021 (anness u mmarkat bħala Dok. 3) u mill-invocies li flimkien jammontaw għall-ammont kumplessiv imsemmi (miġbura, annessi u mmarkati bħala Dok.4);

4. Is-soċjeta' intimata rrikonoxxiet li dan il-kreditu huwa dovut meta hija wetqet żewġ pagamenti ta' ħames mitt ewro (€500) l' wieħed, fis-6 ta' April 2021, u fid-19 ta' Lulju 202l;

5. Oltre minn hekk, is-soċjeta' intimata unikament u arbitrarjament għażlet li tittermina l-ftehim bejn il-partijiet f'Marzu tal-2020, u dan mingħajr pre-avviż kif jirrikjedi l-artikolu numru 1 tal-ftehim sopraċitat;

6. Is-soċjeta` intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont dovut minnha lis-soċjeta' attriċi anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Ottubru 2021 (Ittra Uffiċjali Numru 4538/2021) (kopja legali ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 5), iżda l-istess soċjeta` intimata baqgħet inadempjenti. u għalhekk kellha ssir din il-kawża:

7. L-imsemmi bilanċ huwa dejn ċert, likwidu u dovut mis-soċjeta' intimata u lis-soċjeta' attriċi u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjeta' attriċi, s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi bilanċ;

8. L-esponenti jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf u ħames mija u disgħa u disgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€54,599.26) rappreżentanti ammont ċert, likwidu u dovut u dan abbażi tal-ftehim datat 13 ta' Mejju 2019;

3. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta` intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont hawn fuq imsemmi ta' erbgħa u ħamsin elf u ħames mija u disgħa u disgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€54,599.26).

Permezz tar-Rikors Maħluf tagħha, is-soċjetà attriċi qiegħdha titlob li s-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallasha €54,599.26 ammont ċert, likwidu u dovut lilha u għalhekk talbet ukoll id-dispensa mis-smigħ.

Peress li kien jidher li l-konvenuta kellha eċċezzjonijiet validi x'tagħti, waqt l-udjenza tal-5 t'April 2022 il-Qorti tatha terminu ta' 20 jum biex tippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet. Hija għażlet li tibqa' kontumaċi.

L-attriċi ppreżentat varji dokumenti biex tipprova l-kreditu tagħha u pproduċiet lil Paul Mifsud, direttur tal-kumpannija attriċi, li kkonferma l-kreditu dovut.

Wara l-għeluq tal-provi tal-attriċi, l-Qorti tat 10't ijiem żmien lill-konvenuta biex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet iżda din ma ġietx ippreżentata.

Din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

***Decide***

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba billi l-kawża ġiet mismugħa bil-proċedura normali.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' €54,599.26.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont imsemmi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors promotur u tal-ittra uffiċjali tal-20 t'Ottubru 2021 bin-numru 4528/2021 u bl-imgħax legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-

eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA